DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/121

tal-24 ta' Jannar 2019

dwar miżura meħuda mill-Ġermanja skont id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, biex tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' makkinarju tat-tqattigħ bis-CNC (il-mudelli UMC750SS u UMC750) manifatturat minn Haas Automation Europe N.V.

(notifikata bid-dokument C(2019) 307)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tagħha,

Billi:

(1) Fit-12 ta' Ottubru 2017, il-Ġermanja informat lill-Kummissjoni b'miżura ta' salvagwardja meħuda fit-12 ta' Settembru 2017 biex tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-mudelli UMC750SS u UMC750 tal-makkinarju tat-tqattigħ bis-CNC ("il-makkinarji tat-tqattigħ bis-CNC"), manifatturati minn Haas Automation Europe N.V., Mercuriusstraat 28, B-1930 Zaventem (il-"manifattur").

(2) Il-Ġermanja ħadet il-miżura wara li qieset li l-makkinarji tat-tqattigħ bis-CNC ma kinux konformi mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza stabbiliti fis-sezzjoni 1.5.13 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE. Ir-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza fis-sezzjoni 1.5.13 dwar l-emissjonijiet ta' materjali u sustanzi perikoluży jeħtieġu li l-makkinarju jiġi ddisinjat u mibni b'tali mod li r-riskji ta' inalazzjoni, ta' inġestjoni, ta' kuntatt mal-ġilda, mal-għajnejn u mal-membrani mukuży u ta' penetrazzjoni mill-ġilda ta' materjali u sustanzi perikoluży prodotti minnu jkunu jistgħu jiġu evitati. F'dan ir-rigward, il-Ġermanja indikat li l-makkinarji tat-tqattigħ bis-CNC kienu qed jirrilaxxaw fwar lubrikanti għat-tkessiħ mingħajr sistema ta' estrazzjoni.

(3) Wara li rċeviet in-notifika dwar il-miżura ta' salvagwardja mill-Ġermanja, il-Kummissjoni bdiet konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati sabiex tismal-opinjonijiet tagħhom. Il-Kummissjoni bagħtet ittra lill-manifattur fl-24 ta' April 2018. Fit-tweġiba tiegħu tas-27 ta' April 2018, il-manifattur informa lill-Kummissjoni li b'mod volontarju l-prodotti ma kinux għadhom jitqiegħdu aktar fis-suq Ġermaniż u li l-manifattur kien uffiċjalment għalaq il-każ mal-awtoritajiet Ġermaniżi.

(4) L-eżami tal-ġustifikazzjoni pprovduta mill-Ġermanja fir-rigward tal-miżura ta' salvagwardja, id-dokumentazzjoni disponibbli u l-kummenti espressi mill-manifattur juru li l-makkinarji tat-tqattigħ bis-CNC ma jissodisfawx ir-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza stipulati fis-sezzjoni 1.5.13 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE. Dak in-nuqqas x'aktarx jikkompromietti s-saħħa u s-sikurezza tal-persuni.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li l-miżura ta' salvagwardja meħuda mill-Ġermanja titqies bħala ġustifikata,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-miżura ta' salvagwardja meħuda mill-Ġermanja, li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq tal-mudelli UMC750SS u UMC750 tal-makkinarju tat-tqattigħ bis-CNC manifatturati minn Haas Automation Europe N.V., Mercuriusstraat 28, B-1930 Zaventem, hija ġustifikata.

([1]) ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Jannar 2019.

Għall-Kummissjoni
Elżbieta BIEŃKOWSKA
Membru tal-Kummissjoni